MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 572/1989/1

**Michael Micallef**

***kontra***

**Louis Mamo u William Mamo**

**Il-Qorti :**

**Rat** ic-citazzjoni prezentata fil-31 ta' Mejju 1989 li taqra hekk –

*Billi l-konvenut Louis Mamo fl-14 ta' April 1989 ta l-karrozza tieghu numru 546 FLD f'idejn ibnu l-konvenut l-iehor William Mamo meta kien jaf li polza ta' assikurazzjoni mahruga fuq l-istess karozza ma kenitx tkopri lill-istess billi dan ma kellux hamsa u ghoxrin sena ;*

*Billi waqt li l-konvenut William Mamo kien qed isuq il-karrozza ta' missieru minn Mannarino Road Birkirkara*

*f'xi t-8.00 p.m. minhabba sewqan esagerat u bla kont, traskuragini, nuqqas ta' hila u non-osseravanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel fuq il-karrozza Honda Civic propjeta' tal-attur u misjuqa minnu u b'hekk ikkagunalu danni konsiderevoli ;*

*Billi l-konvenut William Mamo m'ghandux mezzi bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-attur fil-karrozza tieghu Honda Civic u l-attur ghalhekk m'ghandux minn fejn jithallas billi l-polza tal-assikurazzjoni mahruga fuq il-karrozza tal-konvenut ma kenitx tkopri lill-konvenut William Mamo minhabba l-eta' tieghu ;*

*Billi stante l-polza in kwistjoni l-konvenut qatt ma kien messu ta lil ibnu William Mamo biex isuqha l-karozza tieghu b'kontravvenzjoni tal-ligi, u ghalhekk huwa wkoll ghandu jirrisprondi ghall-hsarat kollha sofferti mill-attur ;*

*Ighidu l-konvenuti jew min minnhom ghaliex ma ghandux –*

*1. Jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-konvenut William Mamo ta l-karrozza tieghu 546 FLD lil ibnu William biex isuqha meta kien jaf li l-polza tal-assikurazzjoni mahruga fuq il-karozza ma kenitx tkoprih minhabba l-eta' tieghu.*

*2. Jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti li l-incident tal-14 ta' April 1989 fejn l-attur sofra danni konsiderevoli sar bi htija unika tal-konvenut William Mamo iben il-konvenut l-iehor.*

*3. Jigu minn din il-Qorti likwidati d-danni kollha sofferti mill-attur, fil-bzonn anki permezz ta' periti nominandi.*

*4. Jigi dikjarat u deciz li l-imsemmi William Mamo ma ghandux biex jaghmel tajjeb bizzejjed ghad-danni kollha sofferti mill-attur fl-incident awtomobilistiku tal-14 ta' April 1989.*

*5. Jigu kkundannati l-konvenuti jew min minnhom ihallsu in solidum bejniethom dik is-somma hekk likwidata a bazi tat-tielet domanda u dan in linea ta' danni sofferti minnu fl-incident fuq imsemmi ghar-ragunijiet fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur li kienet annessa mac-citazzjoni, flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati minnu.

**Rat** in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Louis Mamo presentata fl-20 ta' Gunju 1989 li taqra hekk –

*1. In-nullita' fic-citazzjoni peress li hemm konfuzjoni (fis-sens legali) fir-"raguni" tat-talba u dana bi vjolazzjoni tal-Art.156(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Infatti l-attur pogga promiskwament bhala kawzali d-danni aquiliani naxxenti mill-kwazi-delitt (skond il-Kodici Civili) u obbligi mmaginarji dwar kopertura mandatarja biex vettura tinsaq fit-triq (Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*2. Subordinatament, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ewwel talba ghandha tigi michuda billi l-eccipjent (recte : Louis Mamo) billi a) mhux minnu li kien jaf li l-polza ta' assikurazzjoni vigenti rigward il-car nru. 546 FLD ma kienetx tkopri lil William Mamo b) mhemm ebda ligi li ggieghel lil xi hadd li jkun obbligat jassikura vettura ghal riskju oltre dak previst mill-Kap.104 precitat u l-kaz "de quo" ma jinkwadrax ruhu f'dak il-kas.*

*3. Illi safejn jirrizulta lill-esponent it-tieni talba ghandha tigi michuda billi l-incident ma garax bi htija ta' William Mamo.*

*4. Illi jsegwi li, safejn jirrigwarda lill-esponent, mhemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent – dana riferibilment ghat-tielet talba.*

*5. Illi r-raba' talba ghandha tigi similment rigettata billi m'hemm ebda ligi li taghti dritt lill-attur li jottjeni dikjarazzjoni simili.*

*6. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda billi l-eccipjent m'ghandu jaghti xejn lill-attur.*

*7. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

**Rat** in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut William Mamo presentata fl-20 ta' Gunju 1989 li taqra hekk –

*1. In-nullita' fic-citazzjoni peress li hemm konfuzjoni (fis-sens legali) fir-"raguni" tat-talba u dana bi vjolazzjoni tal-Art.156(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Infatti l-attur pogga promiskwament bhala kawzali d-danni aquiliani naxxenti mill-kwazi-delitt (skond il-Kodici Civili) u obbligi mmaginarji dwar koperatura mandatarja biex vettura tinsaq fit-triq (Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*2. Subordinatament, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-tieni talba (li tirrigwardah) ghandha tigi michuda ghax hu ma kienx jahti ghall-incident awtomobilistiku "de quo".*

*3. Jitnissel minn dan li t-tielet talba ghandha tigi michuda ghax mhemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.*

*4. Ir-raba' talba ghandha tigi michuda ghax mhi bazata fuq ebda precett legali.*

*5. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda ghax hu m'ghandu jhallas xejn lill-attur.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut William Mamo li kienet annessa man-nota tal-eccezzjonijiet, flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati minnu.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 ta' Ottubru 1989 fejn kien mahtur il-kompjant

Avukat Dottor Joseph M. Ciappara bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz, inkluza l-eccezzjoni legali sollevata mill-konvenuti.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta’ Jannar 1999 fejn kien mahtur l-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre bhala perit legali in sostituzzjoni tal-Avukat Dottor Joseph M. Ciappara minhabba indisposizzjoni.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta’ Novembru 2003 fejn awtorizzat lill-konvenuti sabiex jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat** in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti presentata fit-2 ta’ Dicembru 2003 fejn eccepew –

*Illi l-attur m’ghandux locus standi f’din il-kawza ma hux legittimu kontradittur u dan minhabba l-kontenut tad-dokumenti L1 sa L7 esebiti fis-seduta peritali tal-4 ta’ Gunju 2003.*

**Rat** li wara l-presentata tar-relazzjoni, b’digriet taghha tas-7 ta’ Lulju 2006, din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli jekk entro t-terminu jithallas ir-rapport.

**Rat** li l-kawza kienet riappuntata ghas-smigh ghall-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2007, wara rikors tal-attur tas-6 ta’ Frar 2007.

**Rat** li l-perit legali Avukat Dottor Paul Gauci Maistre halef ir-relazzjoni tieghu fl-udjenza tal-21 ta’ April 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

**Rat** illi fl-udjenza tad-9 ta’ Gunju 2009, l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace, difensur tal-konvenut William Mamo, irrimetta ruhu ghar-rapport peritali (fol 274)

u hekk kompla jsostni fin-nota tieghu tas-7 ta' Ottubru 2009 a fol 275 tal-process.

**Rat** id-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta' li l-partijiet jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet sat-terminu perentorju tat-30 ta' Novembru 2009.

Mill-atti ma jirrizultax li l-partijiet ippresentaw sottomissjonijiet bil-miktub.

**Qieset** il-provi tal-partijiet.

**Rat** l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat –**

**Ir-relazzjoni peritali**

Diversi kienu l-aspetti tal-vertenza bejn il-partijiet li kienu trattati mill-perit legali Av. Dr. Paul Gauci Maistre fir-relazzjoni tieghu.

**L-eccezzjoni tan-nullita' tac-citazzjoni**

Il-perit legali jghid hekk a fol.172 u 173 tal-process –

*... Ghar-rigward ta' din l-ewwel eccezzjoni jinghad illi l-emendi li saru fil-Kodici tal-Procedura tal-1995 kienu pretizi biex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet. Il-Qrati taghna f'diversi okkazjonijiet ppronunzjaw ruhhom fis-sens illi fejn ikun hemm eccezzjoni ta' nullita' il-gudikant ghandu, fid-dawl tal-emendi tal-1995, jezaminaw jekk verament din l-eccezzjoni fis-sostanza taghha twassalx ghal nullita'. Illum huma accettati diversi korrezzjonijiet anke fl-isem tal-konvenut. Fil-kaz un ezami l-esponent huwa tal-fehma illi ghalkemm ic-citazzjoni setghet tigi formulata b'mod ahjar ma hemmx dubbju x'qieghed jitlob l-attur u minn fejn originat it-talba tieghu. L-esponent ghaldaqstant jissottometti illi ma tezisiti l-ebda nullita` tac-citazzjoni.*

Din il-Qorti tikkonferma din il-konkluzjoni bl-aggunta ta' li gej –

**L-Art.156(1) tal-Kap.12** jipprovdi li c-citazzjoni (llum ir-rikors mahluf) ghandu jkun fiha :

(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba ; u

(b) it-talba jew talbiet

Din id-disposizzjoni tal-ligi nghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza **"Moore noe vs Falzon et"** (Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/AM – 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li –

*U ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda (Kolezz. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).*

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Bonnici vs Zammit noe**" deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –

*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita' tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha u mhux spezzettata.*

Fil-kawza "**Vella vs Cefai**" (Appell Civili – 4 ta' Novembru 1991 – Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta

f'citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni tal-Art.156(1)(a) ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita' tac-ciitazzjoni tista' tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita' pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun ghall-pratticita' u sabiex tigi evitata moltiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita' u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita' ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

Il-prassi segwita mill-Qrati taghna, anke a bazi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Art.175 tal-Kap.12 hija li *formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh* ("**Fino vs Fabri noe**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement *l-atti ghandhom jigu salvati anziche' annullati jew dikjarati nulli* ("**Ellul vs Coleiro**" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994). [Ara wkoll – "**Guillaumier Industries Ltd vs Fava et**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/RCP – 28 ta' Ottubru 1998, "**Attard noe vs Galea**" – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u "**Aquilina vs Cassar**" – Vol.LXXVI.IV.666]

Jinghad ukoll li l-Art.156(1) ghandu jinqara ukoll flimkien ma' l-Art.789 tal-Kap.12. Infatti l-kazi li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji tista' tinghata huma dawk imsemmija fis-subartikolu (1) tal-Art.789. *L-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom.* ("**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/JRM – 13 ta' Marzu 2003). Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tarax li l-

ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ssib sostenn fl-Art.789 tal-Kap.12.

Fl-istess sentenza "**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" (op. cit.) jinghad hekk dwar l-element tal-kjarezza fl-att tac-citazzjoni in partikolari b'riferenza ghall-kaz tal-lum fejn il-konvenuti qed jallegaw *konfuzjoni* fil-mod kif l-attur ressaq ir-"raguni" tat-talba –

*... il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tiftiehem, ma jimputax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha ...*

*... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innfishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassala b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur ...*

*... jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet ...*

Din il-Qorti taghmel taghha dawn l-insenjamenti.

U anke in vista tal-premess, tghid li n-nullita' eccepita fil-kaz tal-lum mhix gustifikata. Il-*konfuzjoni legali* allegata mill-konvenuti fit-tfassil tal-kawzali ma twassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni.

Fl-att tac-citazzjoni fil-kumpless tieghu hemm l-elementi kollha essenzjali biex l-istanza tista' tigi promossa u tkun sostnuta fil-mertu. Fl-istess waqt, dik l-istanza tista' tigi adegwatament kontestata mill-konvenuti, kif fil-fatt sar, bla ma jbatu l-ebda pregudizzju fl-impostazzjoni tal-linja difensjonali taghhom.

Fi kwalunkwe kaz, u dan in linea generali, ghandu jinghad li l-interess tal-gustizzja ikun generalment moqdi biss b'decizjoni fuq il-punti sostantiv tal-kawza u dak huwa li l-partijiet fil-verita' jkunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura qeghdin hemm primarjament sabiex id-dritt sostantiv jista' jitressaq ahjar u bis-sens. Id-dritt ghall-gustizzja ma ghandux jippermetti li r-regoli tal-procedura jiehdu s-sovravvent, b'interpretazzjoni rigida u maghluqa, fuq id-dritt sostantiv b'mod li l-formalizmu jigi jiddetta t-twettieq tal-gustizzja skond il-ligi.

**Ghalhekk din il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni ta' kull konvenut**.

**L-eccezzjoni ulterjuri dwar il-*locus standi* tal-attur fil-kawza**

Il-perit legali jghid hekk a fol.171 u 172 tal-process –

*... l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti a fol.118 tal-process fejn eccepew illi l-attur m'ghandux locus standi f'din il-kawza u mhuwiex legittimu kontradittur u dana minhabba l-kontenut tad-dokumenti L1 sa L7 li gew esebiti fis-seduta peritali ta' l-4 ta' Gunju 2003. Skond dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-ewwel registrazzjoni tal-karozza kienet fuq Joseph Scicluna bid-data 17 ta' Gunju 1987 Dok L1 u l-karozza ghaddiet ghand missier l-attur Maximillian Micallef fl-1 ta' Ottubru 1991 Dok.L2 u Dok L3. Il-konvenut a bazi ta' dawn id-dokumenti jikkontendi illi ladarba l-incident in kwistjoni sar qabel ma gie effettwat it-transfer ta' l-istess vettura nvoluta fl-incident u cioe' fl-14 ta' April 1989, l-attur ma ghandux dritt jirreklama danni peress illi ma kienx is-sid ta' l-istess vettura. L-esponent ma jaqbilx. Mhux kontestat illi l-karozza nvoluta fl-incident kienet qed tigi misjuqa mill-attur u li din kienet involuta f'habta mal-vettura misjuqa mill-konvenut. Hija gurisprudenza kostanti illi sewwieq ta' vettura li ghalkemm ma tkunx propjeta' tieghu ghandu dritt li jfittex u jirreklama d-danni li jkun sofra minghand il-parti l-ohra li tkun responsabbli ghall-incident. L-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti setghet forsi ssib konfort kieku l-kawza saret*

*minn missier l-attur. L-esponent pero' ghandu d-dubju tieghu kemm fil-fatt din l-eccezzjoni kienet tkun sostenibbli peress illi mill-fatti jirrizulta li effettivament meta gara l-incident il-karozza kienet gia mixtrija minn missier l-attur pero` ma kienx ghadu sar it-transfer relattiv biex ikun konformi mar-regolamenti. Ladarba l-kawza ma saritx minn missier l-attur din l-eccezzjoni ulterjuri m'ghandhiex tigi milqugha u l-attur bhala s-sewwieq tal-vettura nvoluta fl-incident ma jistax jinghad li m'ghandhiex locus standi f'din il-kawza.*

Anke din il-Qorti tghid li l-eccezzjoni tal-konvenuti hija insostenibbli –

Dik tal-attur hija azzjoni ghal danni naxxenti minn culpa aquiliana. Apparti l-prova tal-htija, dak li jispetta lill-attur hija l-prova li kien *hu* li garrab id-danni. Mill-provi rrizulta li fl-14 ta' April 1989 (data tal-incident) il-vettura misjuqa mill-attur kienet <u>effettivament</u> tieghu, mhux ta' haddiehor, ghalkemm ma kienx ghadu sar it-*transfer* tal-vettura f'ismu. Il-fatt li t-*transfer* tal-vettura ma kienx ghadu sar ma ghandux ifisser li l-attur ma kienx is-sid tal-vettura u allura jeskludi lill-attur mid-dritt li jitlob risarciment ta' danni kontra l-awtur tal-fatt kolpuz. Dment li l-attur ipprova li kien *hu* ad eskluzjoni ta' haddiehor li garrab id-danni allura l-azzjoni tieghu tista' tipprocedi u ghaldaqstant ghandu *locus standi* f'din il-kawza. Li kieku d-difiza tal-konvenuti kellha tkun accettata, ikun ifisser li azzjoni ghal risarciment ta' danni tista' titressaq biss mir-*registered owner* tal-vettura, meta ikun jirrizulta li dan m'ghandux aktar interess fil-vettura ghax ikun iddispona minnha u allura ma jkunx garrab danni. Dan pero' mhux il-kaz, propju ghaliex l-azzjoni ghal danni ma ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni l-ohra dwar jekk min ibiegh u min jixtri vettura jkunux irregistraw it-*transfer of ownership* tal-vettura mal-awtoritajiet kompetenti. Jekk ma jsirx it-*transfer*, il-bejjiegh u x-xerrej ikunu kisru l-*Motor Vehicle Regulations* u jkunu passibbli ta' proceduri appositi kontrihom ghaliex l-iskop tar-regolamenti huwa li jassiguraw li f'kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli ghall-vettura registrata mal-awtoritajiet kompetenti biex tirrispondi skond il-ligi

ghal dak li jigri bl-uzu tal-vettura. Ir-registrazzjoni u l-licenzja jistghu jkunu elementi ta' prova biex jigi determinat min huwa l-propjetarju ta' vettura pero' mhumiex prova esklussiva. Il-kwistjoni tat-*transfer* thalli mpregudikat id-dritt ta' azzjoni ghal danni spettanti lil min effettivament ikun garrabhom.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti tichad ukoll l-eccezzjoni ulterjuri.</u>**

**<u>L-incident</u>**

Dwar l-incident, il-perit legali jirrelata hekk a fol.174 tal-process –

*Din il-kawza tikkoncerna incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' April 1989 gewwa Mannarino Road, Birkirkara, ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija. Dakinhar vettura Honda Civic numru C-3887 (li fic-citazzjoni ma gietx indikata bin-numru u fid-dikjarazzjoni tal-attur giet indikata bhala C-3897 minflok C-3887) propjeta' tal-attur u misjuqa minnu kienet sejra fid-direzzjoni tal-Msida. L-attur qal li huwa kellu mieghu lil mama' tieghu. Ried iwassalha l-Belt u ried johrog minn Wignacourt Street (fejn joqghod) ghal fuq Mannarino Road bil-hsieb li jikser mal-lemin. Waqaf fit-tarf ta' Wignacourt Street biex jara kux gej xi traffiku kemm minn naha u kemm minn ohra u meta ra li t-triq clear hareg u gibed lejn il-lemin. Hin bla waqt meta kien lahaq mexa xi 30 sa 40 pied sema' brake qawwi u giet id-daqqa fuq wara li kaxkritu. Bl-impatt il-brakes tieghu tieghu inqatghu u biex waqaf kellu jzomm il-handbrake. Wara l-incident hadd ma ammetta t-tort. Il-konvenut William Mamo ighid illi l-vettura 546 FLD hija propjeta' ta' missieru. Huwa kien qed isuq bid-dipped lights u t-triq kienet dritta u mdawla normali. Il-brakemarks tal-karozza tieghu kienu jibdew f'salib it-toroq u kif muri minnhom kien qed isuq fil-proper side. Lill-attur lemhu meta kien qed joqrob salib it-toroq u rah qed idur quddiemu ezatt u saret il-habta. Mieghu kellu riekeb quddiem lil Brian Azzopardi u xi hadd iehor wara li issa jinsab emigrat l-Awstralja. Zied ighid li t-triq kienet vojta u ma seta' jindika lil hadd li ra l-incident.*

**Responsabilita’**

Dwar responsabilita’ ghall-incident, il-perit legali jirrelata hekk a fol.174 u 175 tal-process –

*... l-esponent huwa tal-fehma illi jahti s-sewwieq tal-vettura 546 FLD, il-konvenut William Mamo. Jidher illi dan kien qed isuq din il-vettura minghajr qies u minghajr attenzjoni u bi speed qawwi tant illi ma kienx f’posizzjoni li jwaqqaf il-vettura tieghu u baqa’ diehel fil-vettura tal-attur li kienet quddiemu. Jirrizulta mill-iskizz (Dok.JZ1) li dwaru qablu l-partijiet illi l-vettura misjuqa mill-attur spiccat 75.40 metri ‘l boghod minn fejn sar l-impatt. Bejn il-vetturi, wara l-impatt, id-distanza bejn il-vetturi kienet ta’ 40 metru. Mill-istess skizz jirrizulta illi l-vettura misjuqa mill-konvenut William Mamo halliet brakemark ta’ 51 metru biex b’hekk huwa kien qed isuq bi speed ta’ cirka 80 km fis-siegha. Dan l-ispeed huwa zgur eccessiv ghal-lokal fejn gara l-incident. Huwa minnu illi qabel ma saret il-habta l-attur hareg minn Wignacourt Street, li hija triq sekondarja u kiser fuq il-lemin biex dahal go Mannarino Road, li hija triq principali ...*

*... Jirrizulta li qabel ma saret il-habta, iz-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fl-istess direzzjoni b’dik tal-attur tiehu l-posizzjoni taghha quddiem dik tal-konvenut ghal tul sostanzjali ta’ 27.60 metri u bil-vettura tal-konvenut miexja b’velocita’ ferm akbar minn dik tal-attur ghaliex fil-fatt mhux biss lahqet dik tal-attur izda habtet maghha. Billi l-brakemarks tal-konvenut kien 51 metru ma jistax jinghad illi l-konvenut gie sorpriz bil-presenza tal-attur hiereg minn Wignacourt Street. L-esponent ma jara xejn x’jiccensura f’dak li qal l-attur u huwa konvint illi l-verzjoni tieghu hija kredibbli u ghandha tigi emnuta. Is-sitwazzjoni kienet tkun pjuttost differenti li kieku l-ispot of impact kien aktar vicin fejn tisbokka Wignacourt Street jew jekk l-attur kienx lahaq biss mexa ftit metri go Mannarino Road mill-crossroads. Imma l-fatti juru mod iehor. Ghalhekk l-esponent jissottometti illi l-attur bl-ebda mod ma kkontribwixxa ghall-incident u li s-sewqan bla kont tal-konvenut William Mamo kienet il-kawza principali tal-*

*incident. Ghaldaqstant huwa ghandu jkun unikament responsabbli ghall-incident.*

Din il-Qorti tikkonferma din il-konkluzjoni bl-aggunta ta' li gej –

In linea generali, fis-sentenza taghha tat-23 ta' Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **"Debono vs Camilleri et"** (Vol.XLVI.I.112) il-Qorti tal-Appell irriteniet li sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li huwa fl-obbligu li josserva kull hin –

i) li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u rapporti ohra kontingenti ;

ii) li jzomm *a reasonable and careful lookout* liema dmir igib mieghu li *driver* ghandu jara dak li huwa ragonevolment vizibblli. Riferibbilment ghal dan it-tieni obbligu, fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Laferla"** u **"Il-Pulizija vs Vella"** inghad li *– the duty to look implies the duty to see what is in plain view.*

Dak tal-lum huwa kaz fejn minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-incident il-perit legali kien tal-fehma li, ghalkemm il-konvenut William Mamo, irrizulta li kien il-*main road user*, huwa kellu jgorr wahdu l-htija kollha tal-incident, ghad illi habat ma' l-attur li kien *side road user*, ghax irrizulta li kien *a main road abuser* fis-sens li kien qed isuq bi *speed* eccessiv tali li l-imgieba tieghu fit-triq kienet il-kawza unika u determinanti tal-incident.

Din il-Qorti tghid li l-iskizz tal-incident tal-incident huwa maghmul tajjeb u jaghti stampa cara hafna tad-dinamika tal-incident.

Veru li l-attur hareg minn triq sekondarja (Triq Wignacourt). Veru wkoll li qabel hareg mit-triq laterali ma rax il-vettura tal-konvenut. Minn dak il-fatt wiehed jista' jikkonkludi li kien hemm nuqqas ta' *proper lookout* da parti

tal-attur li seta' wassal ghall-incident u allura ghandu jgorr *in toto* jew *in parte* l-htija tal-akkadut. Izda dak il-fatt ma jistax jigi kunsidrat wahdu u izolat minn fatti u cirkostanzi ohra. Dan qed jinghad ghaliex l-obbligu ta' *proper lookout* u ta' sewqan bil-galbu huwa dmir ta' kull xufier u r-regoli ta' precedenza qeghdin hemm sabiex jaghtu direzzjoni u jirregolaw l-imgieba fit-toroq pero' certament mhumiex intizi biex iwarrbu l-prudenza fil-genb, lanqas ma huma ntizi sabiex xufier, ghax forsi ghandu d-dritta, ihoss li fit-triq jista' jsuq kif irid nonkuranti ta' utenti ohra. Sewqan bla kont hafna drabi jwassal wahdu ghal incidenti stradali. Fit-toroq taghna, llum mahnuqa bit-traffiku, ir-regoli ghandu jkollhom tifsira aktar wiesgha, ghandhom iservu tassew ta' direzzjoni, ghandhom jikkontrollaw l-imgieba u fuq kollox ghandhom jippromwovu l-prudenza.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-attur kien lahaq mexa bicca sewwa fid-dritt fit-triq principali qabel il-brake tal-konvenut. Prova ta' dan hija l-post fejn jibda t-tifrix tad-*debris* fl-iskizz kif ukoll il-posizzjoni tad-daqqa fil-vettura tal-attur u cioe' kollox fuq wara – mhux f'xi genb. Mela allura l-attur kien diga' sar *a main road user* meta l-konvenut, ghax kien qed isuq b'velocita' eccessiva, ma gharafx jikkontrolla l-vettura tieghu meta lemah ghall-ewwel darba l-karozza tal-attur 'il quddiem minnu. Il-*main road* fejn saret il-habta kienet Mannarino Road. Huwa notorju li dik it-triq m'ghandhiex *road surface* felici u taghmilha imprudenti ferm li wiehed isuq qawwi go fiha. Issa fil-kaz tal-lum il-vettura tal-konvenut halliet brakemark wiehed ta' 51 metru.
Skond il-perit legali, dak kien indikattiv ta' *speed* ta' 80 kmfs. Din il-Qorti tasal biex tghid li l-*speed* kien aktar gholi minn hekk ghaliex fl-ewwel lok l-*spot of impact* kien imferrex gmielu u fit-tieni lok ghaliex il-kalkolu tal-*speed* ma tasalx ghalih biss fuq it-tul tal-*brakemark* izda trid tiehu kont tal-*force of impact*. Fil-kaz tal-lum il-forza tal-impatt kienet notevoli meqjus id-distanza twila li spiccat il-vettura tal-attur boghod mill-*spot of impact.* Irrizulta b'mod sodisfacjenti li l-velocita' eccessiva tal-vettura misjuqa mill-konvenut William Mamo kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u allura kien il-kawza prossima tal-istess.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar 1967 fil-kawza **<u>"Bongailas vs Mercieca</u>**" –

*Il-kwistjoni tar-responsabilita' f'incidenti stradali wisq rarament tista' tigi risolta semplicement bl-applikazzjoni ta' regoli a priori. Ir-regoli generali jistghu jghinu bhala gwida izda kull kaz jiddipartixxi minn iehor u jrid jigi risolut in basi ghall-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari tieghu.*

Ic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum iwasslu *anke* lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-incident gara <u>unikament</u> tort tal-konvenut William Mamo.

**<u>Il-posizzjoni ta' l-konvenut Louis Mamo</u>**

Il-perit legali jirrelata hekk a fol.176 u 177 tal-process –

*... Meta gara l-incident il-vettura 546-FLD ma kenitx koperta b'assigurazzjoni biex tinstaq mill-konvenut William Mamo. Sid il-vettura Louis Mamo jghid illi meta rrapporta l-incident lill-kumpannija assikuratrici tieghu, irrizulta li dan ma kienx kopert ghax ma kellux l-eta' ta' 25 sena. Huwa ma kienx jaf b'din il-limitazzjoni fil-polza. Kien ghadu gej minn barra bhala emigrant u l-karozzi li kellu kienu jkopru awtomatikament il-karozzi kollha. Kien hu li ppermetta lil ibnu biex isuq il-vettura. Fil-kawza **<u>"Schembri vs Davies"</u>** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Gunju 1955, il-Qorti sabet lis-sid li kien ippermetta li l-vettura tieghu tinstaq ghal skop li ma kienx kopert b'assigurazzjoni responsabbli flimkien mas-sewwieq ghall-incident li sehh meta l-vettura kienet qed tinstaq. Fil-kawza **<u>"Scerri vs Ciantar"</u>**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003 intqal a propositu illi : 'Dan ghaliex ukoll huwa pacifiku illi, in linea ta' massima generali, sid ta' vettura li tkun involuta f'incident meta misjuqa minn terzi ma tkunx assigurata u allura tinsorgi r-responsabilita' solidali anke ta' sid il-vettura (**<u>Av. Franz Refalo noe vs Paul Caruana</u>** – Prim'Awla – 5 ta' Ottubru 1995 ; **<u>E. Micallef vs</u>** **<u>Simone Azzopardi</u>** – Prim'Awla – 7 ta' Ottubru 1994 u **<u>Laura</u>** **<u>Formosa vs Emanter Spiteri et</u>** – Prim'Awla – 28 ta' April 2005). Ghalhekk il-konvenut Louis Mamo ghandu wkoll jinstab responsabbli ghall-*

*incident in kwistjoni u dana in solidum mal-konvenut l-iehor ibnu William Mamo.*

Din il-Qorti tikkonferma din il-konkluzjoni bl-aggunta ta' li gej –

**L-Art.1033 tal-Kap.16** jaqra hekk –
*Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-konvenut Louis Mamo kien is-sid tal-vettura Nru. 546 FLD li fil-waqt tal-incident kienet qed tinsaq minn ibnu l-konvenut l-iehor William Mamo. Il-vettura kellha assikurazzjoni li kienet tkopri xufiera li jkollhom 25 sena jew aktar. Meta gara l-incident, William Mamo kellu eta' inferjuri ghal 25 sena.

Issa l-argument li qed igib il-konvenut Louis Mamo sabiex jirribatti l-pretensjoni attrici li hu ghandu jwiegeb *in solidum* ghad-danni flimkien ma' William Mamo huwa li fiz-zmien tal-incident il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta kien jobbliga li ssir assikurazzjoni favur terzi persuni ghall-fini ta' hsara ghad-dannu tal-persuna taghhom jew fil-kaz ta' mewt izda mhux meta tirrizulta hsara biss.

Issa huwa minnu li effett tal-emenda li saret bl-Att VII tal-1990 ghas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Kap.104, l-obbligu statutorju tal-assikurazzjoni ma baqax limitat ghar-rizarciment tad-danni f'kaz biss ta' mewt jew ta' offiza fuq il-persuna izda kien estiz sabiex jkopri wkoll il-hsara fil-propjeta'.

Fl-istess waqt izda din il-Qorti tghid li dan l-argument ma jistax iregi sabiex jeskludi s-solidarjeta' tal-konvenut Louis Mamo.

Mill-gurisprudenza citata mill-perit legali – u li din il-Qorti taqbel maghha - din il-Qorti specifikament ghall-fini ta' dan il-kaz issib konfort fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fil-5

ta’ Ottubru 1995 fil-kawza **<u>“Refalo noe vs Caruana et”</u>** (citata mill-perit legali) fejn l-incident gara fl-24 ta’ Awissu 1986 u fejn id-danni kienu materjali biss u cioe’ l-ispejjez tar-riparazzjoni tal-vettura tal-attur noe u r-rimbors tal-ispejjez tal-kiri ta’ karozza. F’dak il-kaz kien hemm konvenut li kien il-persuna li kkaguna l-incident u kjamat fil-kawza li kien kera l-vettura lill-konvenut meta dan kellu eta’ inferjuri ghall-eta’ indikata fil-polza ta’ assikurazzjoni li kienet tkopri x-xufiera ta’ dik il-vettura. Mela din kienet sitwazzjoni *kwazi* identika ghal dik tal-lum.

Il-Qorti qalet hekk –

... *Ir-responsabilita’ tal-kjamat fil-kawza ghalhekk tohrog kemm mill-kuntratt ta’ kiri li bih hu kien obbliga ruhu li jipprovdi ‘comprehensive cover’ lill-kerrej kif ukoll mil-ligi : l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni (Kap.104) u l-Att VII tal-1990 ...*

Wara li ccitat l-Art.1033 tal-Kap.16, il-Qorti kompliet hekk –

... *In-nuqqas ta’ hsieb tal-kjamat fil-kawza li spicca fi ksur tal-ligi (Ka.104) ma halliex lill-attur jithallas minghand is-socjeta’ assikuratrici tal-karozza li dahlet fih. Ghalhekk il-kjamat fil-kawza huwa responsabbli ghall-hsara flimkien mal-konvenut li kkagunaha.*

*... L-imsejjah fil-kawza kiser l-obbligu tieghu li, qabel ma jaghti l-karozza ghall-kiri ‘self-drive’, huwa jassikuraha skond kif jippreskrivi l-Artikolu 3(1) tal-Ordinanza XXXVI tal-1939. Minhabba li dina l-assikurazzjoni ma kenitx ghadha saret fil-waqt ta’ l-incident, l-attur ma setax jithallas il-hsara li sofra ; u billi l-iskop animatur ta’ din il-ligi huwa li jigi assikurat il-hlas tad-danni lil min isofrihom derivanti mill-kollizjoni ta’ karozzi, u l-attwazzjoni ta’ dan l-iskop giet frustrata bi htija ta’ l-imsejjah fil-kawza meta huwa rrenda ruhu responsabbli ta’ dawk id-danni daqs kieku kkagunahom huwa stess direttament (Vol.XXXIV.II.581) u taghhom huwa responsabbli solidament ma’ min ikkaguna materjalment dawk id-danni*

*(Vol.XXXIV.II.605) u dana anke ghaliex il-bicca tad-danni li kull wiehed minnhom ikkaguna bl-ghemil tieghu ma tistax tigi stabbilita ...*

*... Meta l-karozza ma tkunx hekk assikurata, huwa responsabbli ghad-danni derivanti minn kollizjoni mhux biss dak li jikkaguna direttament u materjalment il-hsara, jigifieri dak li kien qieghed jaghmel uzu mill-karozza imma anke dak li jkun naqas li jassikura l-vettura ; u din ir-responsabilita' hija solidali b'mod li min isofri l-hsaara jista' jdur ghall-hlas taghha kontra min irid hu jigifieri tant kontra wiehed jew l-iehor ...*

Issa ghar-rigward tal-kaz tal-lum din il-Qorti tghid li d-dmir ta' Louis Mamo kien li ma jippermettix lil ibnu William Mamo (li kellu inqas minn 25 sena) li jsuq il-vettura tieghu bla ma jaccerta ruhu li kien kopert minn polza ta' assikurazzjoni. Ghalhekk huwa kiser il-ligi u rrenda lilu nnifsu responsabbli solidament ma' William Mamo li materjalment ikkaguna d-danni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 2002 fil-kawza "**Il-Pulizija vs Francis Bartolo**" qalet hekk -

... *l-artikolu 3(1) tal-Kap.104 jimponi obbligu fuq kull min juza vettura, jew igieghel jew jippermetti lil haddiehor li juza vettura, li qabel xejn jivverifika biex jara li dik il-vettura, jew dik il-persuna li tkun ser issuq, tkun koperta bid-debita assigurazzjoni. Id-debita kopertura ta' l-assigurazzjoni hija intiza ghall-protezzjoni tal-pubbliku u wiehed ma jistax jezini ruhu mir-responsabilita' penali taht l-imsemmi artikolu 3(1) jekk ma jkunx ghamel il-verifiki kif suppost. L-aktar haga elementari li wiehed hu mistenni li jaghmel hi li jaqbad il-polza ta' assigurazzjoni u jaqraha jew, jekk ma jafx jaqra, almenu jaghtiha lil xi hadd li jista' jaqrahielu, propju biex jara min hu kopert u min mhux.*

Dan il-bran qed jigi citat *anke* b'riferenza ghall-iskuzanti li ressaq il-konvenut Louis Mamo ghall-fatt li ibnu William irrizulta li ma kienx kopert.

Din il-Qorti tghid li huwa mmaterjali li fiz-zmien tal-incident il-minimu tal-kopertura kien ghal danni fil-persuna ta’ terzi jew mewt ta’ terzi u mhux ghal hsara materjali kif inhu llum ghaliex il-ksur tal-ligi da parti ta’ Louis Mamo sehh fil-mument meta ppermetta lil William Mamo li jsuq il-vettura meta ma kellux l-eta’ li l-polza kienet tistabilixxi ghall-fini ta’ kopertura tax-xufier. Louis Mamo kien fid-dmir jipprevedi li mill-mument li ppermetta lil ibnu li jsuq vettura li ma kellhiex kopertura assikurattiva seta’ sab ruhu involut f’incident tat-traffiku b’effetti inimaginabbli ghal terzi. Mela r-ragunament li qed isir mill-konvenut Louis Mamo *ex post facto* u cioe’ li ladarba terzi garrbu biss hsara materjali mhux danni fil-persuna jew mewt allura ma kienx hemm ksur tal-ligi ma jistax iregi.

**<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>**

Il-perit legali jirrelata hekk a fol.178 tal-process –

*... l-attur ma gab l-ebda prova dokumentarja dwar il-valur tal-karozza. Ghalkemm qal li huwa qabbad surveyor, is-surveyor tal-Legal & General, ma ftakarx x’jismu u lanqas ipproducieh bhala xhud. Fl-udjenza quddiem il-Qorti tat-22 ta’ Mejju 2001, l-attur, permezz ta’ nota ... esebixxa kopja fotostatika tas-survey report li giet markata bhala Dok.Z a fol.104 tal-process tal-vettura Honda Civic numru C-3897. Skond in-Notice of Transfer, Dokument L3 jirrizulta li l-prezz li l-attur akkwista l-Honda minghand Joseph Scicluna kien ta’ Lm 1800. Mid-dokument L1 jirrizulta illi d-data tal-ewwel registrazzjoni tal-Honda kienet fis-17 ta’ Gunju 1987. L-incident gara fl-14 ta’ April 1989 u cioe’ sena u ghaxar xhur biss wara. L-attur partat il-karozza tieghu Metro li kellha biss sitt xhur. Peress illi meta l-attur xtara il-Honda kien zmien li jithallas il-boll kienet haga komuni u pjuttost usanza illi ma jigix iddikjarat il-prezz kollu sabiex jigi ffrankat il-boll. L-attur jghid ukoll illi gie offrut karozza Ford Amerikana u Lm 1500 bhala kumpens minghand il-konvenut. Il-konvenut ma cahad xejn minn dan. Meta wiehed jiehu dawn il-fatti in konsiderazzjoni u tenut ghall-fatt illi l-vettura tal-attur u cioe’ il-Honda kellha biss sena u ghaxar xhur meta gara l-incident l-esponent huwa tal-fehma illi effettivament il-*

*valur tal-karozza, meta sar in-negozju, kien dak kif qal l-attur u cioe' Lm 4400. Peress illi ghaddew tnejn u ghoxrin xahar meta sar l-incident ghandu jitnaqqas almenu Lm 660 kalkolat a bazi ta' 15% depreciation. L-attur biegh il-vettura lil George Sillato (ara Dok L4). Ghalhekk ghandu jitnaqqas ukoll il-valur ta' wreck. Fis-survey report Dok.Z li ghalih diga' saret riferenza aktar 'il fuq ma jissemma xejn dwar ir-wreck value. In mankanza ta' prova dan qed jigi stabbilit arbitrio boni viri fl-ammont ta' Lm 340. Ghalhekk l-ammont ta' danni li sofra l-attur fil-vettura tieghu jammonta ghal Lm 3400 (Lm 4400 – Lm 600 – Lm 340)*

Din il-Qorti tikkonferma din il-konkluzjoni bl-aggunta ta' li gej –

**<u>L-Art.1045(1) tal-Kap.16</u>** jipprospetta zewg tipi ta' danni li huma risarcibbli –

a) Dawk maghrufa bhala <u>*damnum emergens*</u> li skond l-istess subinciz huma t-*telf effettiv li l-eghmil* (tad-danneggjant) *ikun gieb direttament lill-parti li tkun batiet il-hsara* (id-danneggjat) *l-ispejjes li* d-danneggjat *seta' kellu jaghmel minhabba l-hsara* u *t-telf ta' paga jew qligh iehor attwali.* Ghalhekk il-karattru ewlieni tad-*damnum emergens* huwa li d-danni jridu jkunu **<u>effettivi u attwali</u>**.

b) It-tip l-iehor ta' danni kontemplat mill-istess subinciz huwa <u>*lucrum cessans*</u> u cioe' *it-telf ta' qligh li* (d-danneggjat) *ibati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.*

Dak reklamat mill-attur fil-kaz tal-lum jikkwalifika bhala *damnum emergens.* Irrizulta infatti li konsegwenza tal-hsara li garrbet fl-incident, il-vettura tal-attur spiccat *beyond economical repair.* Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni kollha li sofra u li jerga' jitqieghed regonevolment fl-istat li kien qabel l-incident. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghad-danneggjat li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f'somma li ragonevolment twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**<u>"Galea pro et</u>**

**noe vs Gatt et"** – Appell Civili – 24 ta' Novembru 1958 u **"Zammit vs Calleja"** – Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar 1977 u ohrajn aktar ricenti fosthom **"Zammit et vs Middlesea Insurance plc"** – Appell Inferjuri – 12 ta' Marzu 2010). Naturalment din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jiehu l-mizuri kollha ragonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab u jekk jirrizulta li ma jkunx adotta dawk il-mizuri, dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni.

Issa fil-kaz tal-lum, jirrizulta lil din il-Qorti li l-perit legali ggwida ruhu tajjeb mill-premess sabiex fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti wasal ghas-somma li kellha tigi likwidata bhala danni a favur ta' l-attur. Kien ukoll ragonevoli l-mod kif il-perit legali ezercita id-diskrezzjoni *arbitrio boni viri* sabiex stima kemm tilfet valur il-vettura tal-attur mill-akkwist sal-incident kif ukoll kemm kien jiswa l-fdal tal-vettura bhala effett tal-incident. Ghalhekk din il-Qorti taghmel taghha dik il-likwidazzjoni.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, prevja l-akkoljiment tar-relazzjoni peritali, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u –**

**1) Fl-ewwel lok, tiddikjara lill-konvenut William Mamo unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit mertu ta' din il-kawza.**

**2) Fit-tieni lok, tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta' sebat elef disa' mija u dsatax-il Ewro sebgha u tmenin centezmu (€7919.87).**

**3) Fit-tielet lok, tikkundanna lill-konvenuti Louis Mamo u William Mamo sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' sebat elef disa' mija u dsatax-il Ewro sebgha u tmenin centezmu (€7919.87) in linea ta' danni, bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, b'effett mil-lum.**

**4) Fir-raba' lok, tikkundanna lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjes kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------